MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### FRANCO DEPASQUALE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 837/1992/1

**Frances Debono**

**Vs**

**Alfred Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-23 ta' Dicembru 1972 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dokument A;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini u ghat-tenur ta’ l-Artikolu 19(1)(d) u/jew (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 li jirregola z-zwigijiet;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi a rigward tat-talba attrici kien minnu illi kien hemm il-problemi bejn il-partijiet izda l-eccipjenti jipprofessa minn issa il-buona fede tieghu ghall-mod kif hu dahal ghaz-zwieg;

2. Illi ghall-kumplament huwa jhalli ghall-gudizzju ghaqli ta’ dina l-Qorti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dr. Joe Azzopardi bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet sussegwenti taghha tat-12 ta' Lulju 2002 li permezz tieghu l-imsemmi Dr. Joe Azzopardi gie sostitwit bl-istess inkarigu u fakoltajiet bl-avukat Dr. Peter Fenech ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi Dr. Peter Fenech li jinsab a fol. 132 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tad-9 ta’ Jannar 2003; jigi rilevat illi ghalkemm Dr. Fenech ikkonferma din ir-relazzjoni huwa ma kienx thallas ghad-drittijiet tieghu bhala espert legali;

Semghet lill-konvenut u lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici ipprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet lill-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg li hija kkuntrattat mal-konvenut fit-23 ta' Dicembru 1972; l-attrici ghamlet din it-talba fuq il-premessa li l-kunsens taghhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u illi l-istess kunsens kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew wahda ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi dina l-kawza ilha ghaddejja kwazi ghaxar snin pero` jekk wiehed jezamina l-process isib li provi ma tressqu prattikament xejn hlief iz-zewg affidavit tal-kontendenti u l-unika okkazzjoni li l-Qorti kellha li tisma' lill-konvenut wara sensiela ta' ingunzjonijiet u wara li gie mharrek quddiemha wara mandat ta' skorta;

Illi l-attrici tispjega li hija ltaqghet mal-konvenut wara li kienet ilha tigri hafna mal-marc ta' San Duminku u kienet ghajjiena u li f'din l-ewwel okkazzjoni, ghalkemm il-konvenut ipprova jkollu x'jaqsam maghha sesswalment, hija rrezistitu; b'dana kollu l-ghada mar ifittixha u meta habtilha mal-bieb "jiena dahhaltu u huwa malajr intebah li

jiena kont nghix wahdi b'tarbija ta' ftit xhur li kelli meta kont xebba". Minn dakinhar baqa' jmur ghandha kuljum u bejn skuza u bejn ohra hija ammettiet li huwa kellu relazzjoni regolari maghha fid-dar taghha. Hija spjegat l-esperjenza taghha ta' meta kellha dik it-tarbija minn ragel li kien sfurzaha biex taghmel l-att taz-zwieg;

Illi l-attrici xejn mhi konvincenti kif tispjega illi wara ftit tal-gimghat li kien jiffrekwentaha b'dan il-mod huwa ddecieda li jgib hwejgu kollha u jibda jghix maghha fid-dar taghha. Hija tispjega wkoll b'mod xejn konvincenti kif "niftakar li kien xtrali parrokka sabiex ma nintaghrafx u beda jressaqni ma' l-irgiel. Jiena ma kontx inkun irid u meta kont nirritorna lura bla flus kien jinfexx isawwatni. Kien hemm kazi fejn kont stqarrejt dak li kien qed jaghmilli ma' xi rgiel illi kien jibghatni maghhom u dawn tant kienu jithassruni li kienu jaghtuni xi flus." Hija ziedet tghid li f'dawn ic-cirkostanzi huwa nsista li huma jizzewgu. Hija tispjega l-posizzjoni taghha meta wasslet biex tizzewweg b'dan il-mod: "jiena sibt ruhi aktar b'dahri mal-hajt u kelli naccetta l-idea li nizzewgu minflok li nispicca pogguta, peress li xorta kien wehel mieghi u ma ried jitlaqni b'xejn.";

Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax li skond l-attrici meta huma zzewgu fil-Knisja ta' Hal Luqa u ghamlu *reception* fl-istess sala pero` la l-genituri taghha u lanqas lill-genituri tieghu ma attendew ghat-tieg u lanqas ghar-receviment. Haga mhix tas-soltu wkoll l-attrici qalet li hija iltaqghet ma' omm il-konvenut darba wahda biss pero` ma' missieru ma kienet iltaqghet proprju qatt; hija tistqarr illi kemm damet mal-konvenut hija kellha zewgt itfal minnu;

Illi l-mod kif l-attrici spjegat il-posizzjoni taghha minn meta telqet lill-konvenut u marret tghix f'post zghir gewwa l-Isla, malajr jispjega s-sitwazzjoni kollha ta' l-attrici. "Tant ma flahtx nissaporti ghemilu li jiena ma kellix triq ohra hlief nabbanduna d-dar konjugali bit-tfal mieghi. Fil-fatt kont sibt post zghir fl-Isla fejn qed noqghod issa u kont hadt kenn fih. Ghal bidu t-tfal kienu baqghu mieghi izda llum it-tlett itfal telqu wkoll, fis-sens li l-kbira li ma hijiex ta' Alfred Debono qeghda tghix ghal rasha gewwa Hal Qormi, ta'

warajha tghix ukoll wahedha f'Bormla, u z-zghira qeghda fl-Istitut tas-Sorijiet fil-Mosta.";

Illi fil-verzjoni tieghu l-konvenut wara li jispjega l-ewwel inkontru taghhom, jinsisti illi kienet proprju l-attrici li gieghelitu biex jibqa' jghix fid-dar taghha, proprju meta missieru kien qed joggezzjona ghal relazzjoni li kellu maghha u ghad-dewmien filghaxija. Il-konvenut jispjega l-posizzjoni b'dan il-mod: "Darba minnhom domt kwazi sas-saghtejn ma rritornajt fid-dar u missieri, minhabba dan id-dewmien, ghamel xenata u ma riedx jiftahli l-bieb tad-dar. Jiena dak il-hin mort lura ghandha. Hi zammitni u kienet tinkoraggini biex immur nghix maghha u minn dak iz-zmien bdejt nghix ghandha. Fil-fatt missieri kien wissieni biex ma noqghodx ma' mara li diga` kellha tarbija minghand haddiehor, izda jien dak iz-zmien ma smajtx minnu - haga li ghadni jiddispjacini dwarha sallum - u kont mort id-dar u gibt hwejgi u hadt l-affarijiet tieghi kollha ghandha l-Belt." Anki l-konvenut jikkonferma li meta zzewgu "la l- genituri tieghi u anqas il-genituri taghha ma gew ghat-tieg";

Illi kif gustament osserva l-abbli relatur il-kontendenti taw versjonijiet ghal kollox konfliggenti tant illi l-Qorti tifhem li xi hadd kien qed jghid haga b'ohra. Anki dwar it-tifla li kellha qabel iz-zwieg, a differenza ta' dak li xehdet l-attrici, il-konvenut stqarr "lit-tifla zammejniha fl-Istitut ta' l-Ursolini biss ghal gimghatejn sakemm izzewwigna u morna ghal honeymoon u kif irritornajna gibniha lura maghna mill-ewwel. Jiena lil din it-tifla bdejt inrabbiha qisha t-tifla tieghi u sahansitra tajtha kunjomi u dejjem ittrattajtha bhat-tfal naturali tieghi minghajr l-ebda distinzjoni". Dwar dak li l-attrici qalet fuq zewgha, huwa jichad "dawk l-allegazzjonijiet ta' l-attrici huma doppjament ngusti u insolenti, daqskemm huma bla bazi. Il-hmieg li semmiet (dwar li kont inhaddimha ma' l-irgiel) jiena la qatt waqajt ghalih u lanqas kelli bzonn naqa' ghalih, jiena dejjem hdimt u anke kont nahdem il-Libja fejn kelli salarju tajjeb hafna specjalment ghal dawk iz-zmenijiet. Il-kondotta tieghi hija retta u qatt ma kelli rapport ma' hadd u dwar xejn.";

Illi l-attur jispjega illi wara xahrejn taz-zwieg l-attrici dahlet mas-setta ta' Jehovah u bdiet titlaq il-barra minn filghodu u tabbanduna kwazi kollox; "jiena kelli mmur ghat-tfal l-iskola u anqas ikel ma kienet tlestilhom." Huwa jispjega li qatt ma naqasha xejn u kien itiha tletin lira fil-gimgha minn barra li kien ihallas il-kontijiet kollha;

Illi meta l-konvenut gie mressaq quddiem il-Qorti u ta x-xhieda tieghu huwa stqarr "l-attrici ma kienetx bniedma li tizzewweg minhabba xi pressjoni li saret fuqha. Jiena nghid li kienet izzewget bil-volonta` taghha u hi ghamlet il-hazin mhux jien. Jiena ppruvajt insalvaha minn fejn kienet hi gewwa l-Belt u jiddispjacini li ghamilt dan l-isforz.";

Illi a differenza tal-posizzjoni ta' l-attrici fil-konfronti ta' uliedha, il-konvenut stqarr "jiena mat-tfal qieghed sewwa u jkellmuni u kull nhar ta' Hadd immur niekol ghand wahda minn uliedi, mentri sa fejn naf jien marti lanqas ghat-tieg ma giet.";

Illi l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u anke mal-konkluzjoni ta' l-abbli relatur u tifhem li bejn il-kontendenti qabel iz-zwieg ma kien hemm ebda djalogu serju u kostruttiv u li z-zewg partijiet anqas kellhom is-sopport morali u emozzjonali u lanqas dak konsultattiv li wiehed issoltu jkollu meta jasal biex jiehu decizjoni bhal ma hi dik taz-zwieg; il-partijiet kienu ghal kollox izolati u ghalkemm jidher li l-konvenut kellu xi forma ta' gibda lejn l-attrici u dan anke rifless mill-mod kif zamm ir-relazzjonijiet ma' l-ulied, l-attrici minn naha taghha fehmet li b'tarbija f'idejha u s-separazzjoni kompleta minn mal-familjari taghha, iz-zwieg biss seta' jkun xi forma ta' soluzjoni ghall-problemi ta' hajjitha;

Illi l-Qorti tifhem illi l-attrici certament la kellha l-kapacita` intellettwali u lanqas decizjonali li kienet mehtiega biex wiehed jintrabat fiz-zwieg imma kull ma ghamlet ghamlitu biex tkun tista' ssolvi l-problemi taghha. Kif gustament irrileva l-abbli relatur "jidher car ghalhekk li l-partijiet ma kellhomx il-kunsens hieles necessarju sabiex jidhlu fir-rabta taz-zwieg. Ma kellhomx l-intenzjoni u l-fehma li jibnu komunita flimkien.";

Illi l-Qorti taghmel l-unika varjazzjoni ghall-konkluzjoni peritali fis-sens li waqt li l-kunsens ta' l-attrici kien difettuz kemm taht is-subinciz (d) kif ukoll taht is-subinciz (f) tal-Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta waqt li l-kunsens tal-konvenut kien biss difettuz skond is-subinciz (d) cioe` dak dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Irrizulta li kunsens ta' l-attrici inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu ghaliex certament qatt ma kellha ebda forma ta' idea li hija ser tghix il-hajja mizzewga kif rikjesta mill-ligi flimkien mal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-talba kif dedotta fic-citazzjoni u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Dicembru 1972 huwa null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------